MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Numru 184/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Saliba**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Saliba talli fis-26 ta' Gunju 2004, ghall-habta tad-9.00pm fi Triq Zebbug, Rabat, Ghawdex, saq vettura Nru GRG-183 ta' ghamla Opel Astra fid-direzzjoni tar-Rabat, Ghawdex (**1**) mhux fuq in-naha s-sewwa tat-triq u b'hekk ingombra il-passagg liberu ghal traffiku iehor, (**2**) b'manjiera perikoluza u traskurata; (**3**) u aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura Numru CBG-096 ta' ghamla Ford Escort u kkagunalha hsarat estensivi ghad-dannu ta' Dennis Patrick Roberts miz-Zebbug, Ghawdex;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-2 ta' Settembru, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi George Saliba hati u kkundannatu multa ta' sittin lira (Lm60) kif ukoll skwalifikatu mill-licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' xahrejn;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi George Saliba, minnu prezentat fl-16 ta' Settembru 2004, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-22 ta' April 2005; ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Zebbug, Rabat, Ghawdex. L-appellant jikkontendi li huwa kien ghaddej fil-karreggjata tieghu meta ra l-vettura ta' Roberts gejja "wrong side" fid-direzzjoni tieghu. Biex jevita l-habta, l-appellant jghid li fl-ahhar gibed ghal fuq il-lemin tieghu -- u allura fid-direzzjoni u ghal gol-karreggjata li fiha suppost li kien ghaddej Roberts -- izda dan Roberts imbaghad ukoll dawwar ghal gol-karreggjata proprja tieghu, b'mod li dahlu "head on" go xulxin. Roberts, min-naha tieghu, ighid li hu kien ghaddej fil-karreggjata tieghu meta fid-daqqa w il-hin ra vettura gejja "wrong side" u din baqghet diehla go fih "head on".

L-aggravju ta' l-appellant huwa wiehed u semplici, u cioe` li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta waslet ghall-konkluzjoni li l-incident gara tort tieghu. Issa, kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti. Jekk din il-Qorti tkun tal-fehma li, abbazi tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel qorti, dik il-qorti setghet <u>legalment</u> u <u>ragjonevolment</u> tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din il-Qorti, anke jekk hi kieku kienet tasal ghal konkluzjoni differenti, ma tiddisturbax il-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel qorti. F'dan il-kaz, pero`, din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif l-ewwel qorti setghet waslet biex tikkonkludi li kien hemm provi sufficjenti li jippruvaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni il-htija tal-appellant, allura imputat. F'dan il-kaz ghandna zewg versjonijiet dijametrikament opposti. L-iskizz tal-Pulizija

huwa kompatibbli kemm mal-versjoni ta' l-appellant (u cioe` li hu, *in the agony of the collision*, gibed ghal gol-karreggjata opposta biex proprju jevita l-kollizjoni izda spicca habat xorta wahda ghax Roberts rega' fl-ahhar sekondi dahal fil-karreggjata tieghu) kif ukoll mal-versjoni ta' Roberts (u cioe` li hu baqa dejjem fil-karreggjata tieghu u kien Saliba li kien ghaddej "wrong side" u baqa' diehel go fih). Dak li donnha l-ewwel Qorti ma apprezzatx bizzejjed hu li jirrizulta mill-provi – ara r-rapport tal-Pulizija a fol. 4 u l-istess ammissjoni tax-xhud Roberts li hu kien gej minn hanut tax-xorb – li dan Roberts kien qed isuq taht l-influwenza tal-alkohol. Fid-deposizzjoni tieghu, infatti, hu jammetti li kien irceva tahrika u kien gie akkuzat, fost affarijiet ohra, b'sewqan taht l-influwenza tal-alkohol, <u>u li fil-qorti hu kien ammetta din l-akkuza</u> (fol. 33). F'dawn ic-cirkostanzi hija frem aktar verosimili l-versjoni ta' l-appellant, milli dik ta' Roberts – u din il-Qorti taghmilha cara li din il-konkluzjoni qed tasal ghaliha wara li hija stess regghet semghet ix-xiehda prodotti mill-Prosekuzzjoni u lill-appellant minn jeddu fl-udjenza imsemmija tat-22 ta' April 2005. Fi kliem iehor, l-ewwel qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li effettivament waslet ghaliha – cioe` li l-versjoni korretta tal-incident kienet dik moghtija minn Roberts – u konsegewntement hemm lok li l-appell jintlaqa'.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------